

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9038/22
ADD 1

SAN 264
SOC 264
MI 384

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 210 final (annex 1)
Suġġett:	ANNEX tar- RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar it-tħaddim tad-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 210 final (annex 1).

Mehmuż: COM(2022) 210 final (annex 1)



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2022
COM(2022) 210 final

ANNEX

ANNEX

tar-

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar it-tħaddim tad-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-
pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali**

{SWD(2022) 200 final}

ANNES

Azzjonijiet ta' segwitu għat-titjib tal-implimentazzjoni tad-Direttiva

	Objettivi	Azzjonijiet	Skeda indikattiva
<i>Implimentazzjoni mtejba tad-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali</i>			
1	Jitnaqqsu u jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-aċċess għall-kura tas-saħħa transkonfinali	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġu organizzati djalogi bilaterali (ġodda) ma' dawk l-Istati Membri biex tiġi indagata l-proporzjonalità tal-proċeduri amministrattivi u meta t-trattamenti għall-kura tas-saħħa li jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel ma jiżgurawx iċ-ċertezza legali - Isir tpartit bejn Stat Membru u ieħor ta' prattiki ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-aċċess għall-kura tas-saħħa transkonfinali permezz tad-diġitalizzazzjoni - Proposta għal Regolament biex jinħoloq spazju Ewropew tad-<i>data</i> dwar is-saħħa li jtejjeb l-infrastruttura tas-servizzi elettroniċi tas-saħħa, inkluż l-użu u t-tpartit elettroniku tad-<i>data</i> dwar is-saħħa, biex jappoġġa l-kontinwità tal-kura għall-pazjenti transkonfinali 	2022-2023
2	Jitnaqqas ir-riskju finanzjarju għall-pazjenti	<ul style="list-style-type: none"> - Isir tpartit bejn Stat Membru u ieħor tal-prattiki għat-trasparenza tal-prezzijiet u tal-livelli stmati tar-rimborż (bl-idea li tiġi estiża s-sistema volontarja ta' notifikazzjoni minn qabel applikata minn tmien Stati Membri) għall-pazjenti transkonfinali 	2023
3	Tittejjeb l-informazzjoni li tingħata lill-pazjenti, titqajjem sensibilizzazzjoni tad-	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġi appoġġat workshop għall-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet mal-punti ta' kuntatt nazzjonali biex tittejjeb l-informazzjoni li tingħata lill-pazjenti - Tiġi promossa u ssorveljata l-implimentazzjoni tal-prinċipji gwida tal-għoti tal-informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali u tal- 	2022 Għaddejja

	drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż ir-rikonoxximent tar-riċetti	<p>Manwal għall-Pazjenti multilingwi</p> <ul style="list-style-type: none"> - Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jitħeġġu jtellgħu l-informazzjoni fin-networks ta' referenza Ewropej u jiżguraw li s-siti web tagħhom ikunu aċċessibbli għan-nies b'diżabbiltà - Jiġi organizzat avveniment ta' sensibilizzazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali fil-livell tal-UE bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, tal-assiguraturi tas-saħħa, tal-professjonisti tas-saħħa, tan-networks Ewropej ta' referenza, u tal-partijiet ikkonċernati reġjonali fil-kura tas-saħħa transkonfinali - Titkompla l-kooperazzjoni mal-Istati Membri biex tiżdied l-interoperabbiltà tas-servizzi elettroniċi tas-saħħa, inklużi r-riċetti elettroniċi, biex jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku tal-preskrizzjonijiet 	<p>Għaddej</p> <p>2023</p> <p>Għaddejja</p>
4	Tiġi ċċarata r-rabta bejn id-Direttiva u r-Regolamenti dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali	<ul style="list-style-type: none"> - Tiġi aġġornata n-nota ta' gwida tal-2012 dwar id-Direttiva u r-Regolament 883/2004 bil-Kummissjoni Amministrattiva tal-Istati Membri - Jiġi organizzat workshop mal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar l-aġġornament tal-gwida dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva u r-Regolament bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti 	2023-2024
<i>Tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea fil-kura tas-saħħa transkonfinali: is-salvagwardja tas-sostenibbiltà tan-networks ta' referenza Ewropej</i>			
5	Tittejjeb l-integrizzjoni tan-networks ta' referenza Ewropej fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali	<ul style="list-style-type: none"> - Titnieda Azzjoni Konġunta ġdida dwar l-integrizzjoni tan-networks ta' referenza Ewropej fis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali - Jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-sorsi miftuħa għall-ħolqien ta' verżjoni ġdida tas-Sistema ta' Ġestjoni Klinika tal-Pazjenti (CPMS) biex tkun iggarantita l-interoperabbiltà tagħha mas-sistemi nazzjonali tal-IT u l-adattament faċli tagħhom 	<p>2023-2026</p> <p>2022-2023</p>

6	Jiġu vvalutati l-mekkaniżmi potenzjali għar-rimborż tal-fornituri tal-kura tas-saħħa għall-konsulti virtwali ma' bordijiet tal-esperti	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġu appoġġati skemi pilota għar-rimborż parzjali tal-ispejjeż tal-bordijiet tas-Sistema ta' Ġestjoni Klinika tal-Pazjenti (CPMS) bħala parti mill-għotjiet tan-networks ta' referenza Ewropej iffinanzjati mill-Programm l-UE għas-Saħħa - Tiġi appoġġata l-identifikazzjoni ta' għażliet potenzjali oħra għall-mekkaniżmi ta' rimborż fil-livelli tal-UE u nazzjonali, u l-iżvilupp ta' linji gwida/rakkomandazzjonijiet korrispondenti bħala parti mill-Azzjoni Konġunta tal-integrazzjoni tan-networks ta' referenza Ewropej fis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali. 	2022-2023 2023-2026
7	Tittejjeb l-infrastruttura tal-IT, anki għall-konsulti virtwali mal-bordijiet tal-esperti tan-networks ta' referenza Ewropej	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' verżjoni ġdida tas-Sistema ta' Ġestjoni Klinika tal-Pazjenti (inkluża verżjoni mobbli), li jqis it-tagħlimiet meħuda f'dawn l-aħħar erba' snin u l-feedback tal-utenti - Jiġu appoġġati n-networks ta' referenza Ewropej fl-iskjerar tal-verżjoni l-ġdida tas-Sistema ta' Ġestjoni Klinika tal-Pazjenti ladarba din tkun disponibbli - Tiġi żviluppata u skjerata l-Akkademja ERN virtwali, li hi għodda ġdida tal-IT li tospita u ssostni x-xandir tal-għarfien u l-materjali ta' taħriġ kollha ġġenerati mill-24 network ta' referenza Ewropej 	2022-2023 2023-2024 2022
8	Jiġi ssimplifikat il-piż amministrattiv marbut mal-finanzjament tal-UE għan-networks ta' referenza Ewropej permezz tal-Programm l-UE għas-Saħħa	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġu ssimplifikati s-sistemi diversi attwali ta' sostenn finanzjarju mill-UE f'għotjiet diretti waħdiena min-networks ta' referenza Ewropej dment li jkun hemm biżżejjed fil-baġit tal-Programm l-UE għas-Saħħa - Jitwettaq studju dwar il-qafas u l-fattibbiltà tas-simplifikazzjoni finanzjarja li għandha tiddaħħal fl-għotjiet diretti min-networks ta' referenza Ewropej - Jiddaħħlu <i>Finanzjament Mhux Marbut mal-Ispejjeż jew Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati</i> fl-għotjiet diretti ġodda tan-networks ta' referenza Ewropej abbażi tar-riżultati tal-istudju msemmi fuq u soġġett għall-finanzjament mill-Programm l-UE għas-Saħħa 	2023 2022 2023

Tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea fil-kura tas-saħħa transkonfinali: il-kooperazzjoni reġjonali transkonfinali fil-kura tas-saħħa			
9	Tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali fil-kura tas-saħħa transkonfinali	<ul style="list-style-type: none"> - L-Istati Membri jitħeġġew jużaw il-finanzjament mill-programm Interreg, mill-istrument ta' appoġġ tekniku u mill-FEŻR biex jikkooperaw u jikkoordinaw ma' xulxin fl-iżvilupp ta' approċċi strateġiċi, fl-implimentazzjoni tar-riformi u fi sħubijiet intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni fil-kura tas-saħħa transkonfinali - Jiġu sostnuti t-tpartit u r-replikazzjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri b'finanzjament mill-programm l-UE għas-Saħħa - Jitħeġġeġ l-użu tal-proġett B-solutions¹ li jipprovdi appoġġ tekniku speċjalizzat biex jiġu indirizzati ostakli legali u amministrattivi fil-fruntiera - Jiġu promossi l-punti ta' kuntatt nazzjonali u ssir sensibilizzazzjoni dwarhom fil-livell reġjonali permezz tas-sinjalazzjoni fis-siti web ta' pjattaformi u proġetti tal-kura tas-saħħa transkonfinali reġjonali - L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati reġjonali jitħeġġu jiġbru d-<i>data</i> għas-sorveljanza tal-flussi tal-pazjenti biex jinfiehem aħjar kemm tintuża l-kura tas-saħħa transkonfinali fir-reġjuni tal-fruntieri 	<p>Għaddej</p> <p>2023-2024</p> <p>Għaddej</p> <p>2022</p>
Jissaħħu s-sorveljanza u l-infurzar			
10	Jittejjeb ir-rappurtar tad-<i>data</i> dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali	<ul style="list-style-type: none"> - Jiġi prodott manwal multilingwi dwar kif jitfasslu l-kwestjonarji biex tiżdied il-konsistenza tal-ġbir tad-<i>data</i> dwar il-mobbiltà tal-pazjenti mill-Istati Membri - Isiru djalogi bilaterali mal-Istati Membri biex jinsabu soluzzjonijiet li jtejjbu l-kompletezza u r-robustezza tad-<i>data</i> kif meħtieġ mid-Direttiva (l-Artikolu 20) 	<p>2022</p> <p>Għaddejjin</p>

¹ <https://www.b-solutionsproject.com/>

11.	Isir użu sħiħ tal-qafas legali attwali għall-kurats-saħħa transkonfinali	<ul style="list-style-type: none"> - Isiru djalogi bilaterali strutturati mal-Istati Membri biex tinkiseb l-aħjar traspożizzjoni possibbli tad-Direttiva (ara l-azzjonijiet dwar il-proċeduri amministrattivi sproporzjonati) - Azzjonijiet ta' infurzar f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità (attwalment hemm każijiet ta' ksur pendenti kontra tliet Stati Membri dwar rati ta' rimborż baxxi) - Isir rieżami tal-appikabbiltà tal-leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti għas-servizzi telemedici² 	<p>Ghaddejnin</p> <p>Ghaddejnin</p> <p>2024</p>
-----	---	---	---

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex:52012SC0414>